Minuti tal-laqgħa numru tlieta u sittin (63) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 17 ta' Mejju 2023 fis-6.30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sa Janice Busuttil | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

| | | |
|---|---|---|
| 63.01 | **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**<br>Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri qalu t-talba flimkien u inqraw l-ittri tal-apoloġiji tas-Sur Kris Grech, is-Sur Rudolph Grima u s-Sur Norbert Grech. Dawn ġew skużati b'vot unanimu. | Talba u Apoloġiji |
| 63.02 | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduti numru tnejn u sittin (62).**<br>Kienu meħuda b'moqrija l-minuti tas-seduta numru tnejn u sittin u sarulhom xi korrezzjonijiet kif murija fuq il-kopja oriġinali. Il-minuti kienu mressqa għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u approvati unanimament. | Minuti |
| * | Giet temporanjament sospiża l-Agenda għaliex is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab lill-kunsillieri sabiex jisimgħu lis-Sur Buontempo mill-Ordni tas-Santu Sepurklu dwar il-proġett tar-restawr tal-Kappella ta' Duna minn ġewwa. Waqt din id-diskussjoni s-Sur Buontempo spjega fid-dettal il-bżonn urġenti li l-kappella ta' Duna tiġi restawrata. Spjega li fuq ġewwa hemm bżonn ta' intervent urġenti. Hu qal li l-kanċell tal-injam jinsab fi stat ħażin ħafna u kien hemm ir-riskju li partijiet minnu jintilfu. Barra minn hekk l-aktar urġenti huma l-aperturi tal-injam peress li qed jidħol l-ilma u qed jagħmel ħafna ħsara lil affreski li hemm. Is-Sur Buontempo qal ukoll li wara li jsir ir-restawr tal-injam imbgħad wieħed ikun irid jagħmel id-dawl u jibdel il-madum. Is-Sindku Sandro Craus talab jekk għandomx xi stimi tax-xogħlijiet imsemmija. Is-Sur Buontempo qal li iva stimi hemm u anki rapporti tekniċi diġà hemm lesti. Is-Sindku talab li tali rapporti għandom jintbgħatu lill- Kunsill ħalli b'hekk jiġu diskussi fil-laqgħat li jmiss. Is-Sindku semma wkoll li l-fatt li l-NGOs jistgħu japplikaw għall-fondi apposta riservati għalihom mal-Planning Authority – fil-Fond Għall-Iżvilupp.<br>Is-Sur Buontempo talab li l-Kunsill jgħin f'dan il-proġett ta' restawr. Hawn il-Kunsill qabel unanimament li jgħin u ssemmiet il-possibilità li l-Kunsill jidħol għar-restawr tal-aperturi biex b'hekk tiġi eliminata l-ħsara mill-ilma tax-xita. Il-membri preżenti qablu li dan kollu jiġi diskuss għal darb'oħra meta l-Kunsill ikollu r-rapporti f'idejh u l-figuri wkoll. Dan il-punt ġie eżawrit u l-Kunsill irringrazzja lis-Sur Buontempo. Dan ser bejn is-7:00pm u s-7:45pm. | Sospenzjoni tal-Agenda |
| 63.02 | **Punti Mill-Minuti** | |
| 63.02.01 | Issemmiet il-klarifika mitluba mid-dipartiment għall-applikazzjonijiet tal-attivitajiet kulturali Rabat Sacrum u Natalis Notabilis. F'dan l-istadju, is-Sur Nazju Cassar staqsa jekk kemm-il darba ma ningħatawx il-fondi x'se jiġri. Ir-risposta kienet illi l-attività jkollha tiġi ridotta speċjalment dik tar-Rabat Sacrum fejn diġa' saru numru ta' laqgħat ma' diversi persuni fil-preżenza tal-kunsillier responsabbli mill-Kultura. | Skema Attivitajiet Kulturali |
| 63.02.02 | Is-SE informa lill-kunsillieri illi l-Van li se jaħdem bl-elettriku diġa' wasal Malta. Dan qed isirulu l-istickers, il-liċenzja u l-GPS. Is-Sindku Sandro Craus semma li diġà bdejna niddiskutu l-punti minn fejn ser jirkbu r-residenti mal-ħaddiema tal-Kunsill – Stephen? u Marco? Għaldaqstant importanti li din ir-rotta titella fil-laqgħa li jmiss ħalli wara li jkun hemm qbil bejnietna mmorru għall-publikazzjoni ta' leaflet informattiv. | Tender tal-Van li jaħdem bl-elettriku |
| 63.03 | **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 347 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 66**<br>Kienet approvata b'vot unanimu iċ-ċedola numru 347 u l-Works/Purchase Order numru 66. | Ċedola tal-pagamenti u Works/Purchase Order. |
| 63.04 | **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** | Mistoqsijiet |

| | | |
|---|---|---|
| | Ma kienx hemm | |
| 63.05 | **Approvazzjoni tal-Work Plan tal-kuntrattur tal-Ġbir tal-Iskart skont kif mitluba mir-Reġjun Punent**<br>Kien approvat il-Work Plan tal-kuntrattur tal-Ġbir tal-Iskart li talbuhulna r-Reġjun Punent li qed imexxu l-kuntratt f'isem il-Kunsilli kollha fi ħdan ir-Reġjun. Dan se jintbgħat lilhom wara laqgħa li saret aktar kmieni l-ġimgħa ta' qabel mal-President, is-Sur Sandro Azzopardi u l-Waste Manager fl-istess reġjun. Il-Kunsill insista li jibda jinġabar l-iskart b'erba' trakkijiet kif jistipula l-kuntratt u l-work plan kien prodott fuq pjanta b'erba' kuluri rappreżentattivi. | Work Plan tal-Ġbir tal-Iskart. |
| 63.06 | **Il-qtugħ tal-ħaxix fit-toroq rurali – RLC 208/23 Grass Cutting and cleaning of non urban roads for the Rabat (Malta) Local Council using environmentally friendly materials and practices; triq 'il quddiem.**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat iddeċieda illi l-offerta pubblika tal-qtugħ tal-ħaxix ħażin ma tkunx evalwata għalissa minħabba li hemm diffikulta' biex tinħadem kif kienet ippjanata. Dan minħabba l-fatt li sakemm tkun aġudikata l-periklu jiżdied u ma nistgħux inħallu aktar żmien għaddej speċjalment Misraħ Suffara, Ħofret ir-Rizz, Salvatur u Salib. Għaldaqstant se naħdmu billi nġibu stimi ta' toroq li verament hemm il-ħaxix fihom li qed jostakola l-passaġġ tal-vetturi fl-inħawi rurali tar-Rabat. Hawn is-Sindku semma li l-Kunsillier Nazju Cassar li ħadem fiż-żoni b'mod vera tajjeb ikkalkula li 0.60c kull metru naħa waħda biss ikun prezz raġonevoli ħafna u l-kunsill jigwadanja b'dan il-prezz peress li l-prezzijiet illum jammontaw għal aktar minħabba li żdiedu l-ispejjeż. Hawn il-Kunsill qabel ma dan kollu. | Qtugħ tal-ħaxix ħażin |
| 63.07 | **Approvazzjoni tal-ħruġ ta' offerta pubblika tar-restawr ta' disgħa statwi tat-toroq (budget tal-Kunsill)**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat approva unanimament il-ħruġ tal-offerta pubblika biex isir ir-restawr fuq l-istatwi tal-ħaġar (ġebel) li hemm fi Triq San Pawl, Triq Santu Wistin u Triq San Franġisk. Tali dokument kien wieħed mal-agenda. | Restawr tal-istatwi tal-ħaġar |
| 63.08 | **Approvazzjoni tal-ħruġ ta' offerta pubblika biex issir smart bring in site f'Għar Barka bl-għatjien jinfetħu mir-residenti bil-card biss**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat approva unanimament il-ħruġ tal-offerta pubblika biex ikunu installati Smart Bins f'Għar Barka viċin is-Sub Station. Din it-teknoloġija se tippermetti li min imur jarma l-iskart irid bil-fors ikollu smart card biex jiftaħ l-għatu tal-kontenitur. | Smart Bins f'Għar Barka |
| 63.09 | **Proċeduri ta' Ingaġġ ġdid ta' Skrivan fi Skala XV full time u talba mis-Sa Fabienne Vassallo biex taqleb full time**<br>Kienu approvati unanimament il-proposta tal-ingaġġ ta' Skrivan Skala XV u dik li s-Sa Fabienne Vassallo li taqleb minn reduced hours għal full time. | Skrivani |
| 63.10 | **Restawr tas-Salib ta' San Pawl taż-Żurżieqa mill-Kunsill Lokali tar-Rabat (għas-spejjeż tiegħu)**<br>Il-Kunsill se jġib stima biex jirrikunsidra dan kollu. | Salib fuq iz-zuntier - Restawr |
| 63.11 | **Inċident minn persuna li waqgħet f'Għeriexem - ara ittra ta' Dr Valentino**<br>Ma kienetx trattata u se tiġi trattata f'seduta oħra. | |
| 63.12 | **Punti Oħra** | |
| 63.12.01 | Is-Sa Janice Busuttil semmiet il-bżonn li jsir it-tindif tal-pannelli ta' fuq il-bankina mit-trabijiet biex jibqgħu effiċjenti u jiġġeneraw l-elettriku fi Triq Għeriexem. Hija insistiet ukoll dwar it-tabelli l-ġodda li suppost iridu jitwaħħlu maċ-Charging Pillars f'Wesgħet il-Mużew. Qalet ukoll illi dik ta' Triq Għeriexem ilha ma taħdem xhur sħaħ. | Tindif ta' Pannelli |
| 63.13 | **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**<br>Il-laqgħa ntemmet fid-9.30pm u l-Kunsill Lokali tar-Rabat se jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Ġunju fis-6.00pm fl-istess post. | Aġġornament |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 21 ta' Ġunju 2023 minn Alexander k/a Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt;